# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 5 ta' Frar, 2018**

**Talba Nru: 407/2017PM1**

**Go p.l.c.**
**(C 22334)**

**Vs**

**Mary Friggieri (929544(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-ewwel (1) ta' Settembru, 2017 illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u sbatax-il euro u tlieta u tmenin centezmi (€317.83) in konnessjoni ma' servizzi ta' komunikazzjoni moghtija mis-socjeta` attrici lill-konvenuta fuq akkont li jgib in-numru AC40372241, bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 1397/15, u bl-imghaxijiet legali sa mil-21 ta' Awwissu, 2015 data tal-prezentata tal-imsemmija ittra ufficjali.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess avviz a sostenn tat-talba.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u ghalkemm deheret ghas-seduta tal-20 t'Ottubru, 2017, infurmat lit-Tribunal li m'hijiex f'posizzjoni li thallas is-somma mitluba u talbet zmien sabiex thallasha ratealment.

Illi waqt l-istess seduta it-Tribunal avzaha li huwa fl-ahjar interess taghha li tqabbad avukat tal-fiducja taghha, pero` madanakollu l-istess intimata infurmat lit-Tribunal li ma kenitx bi hsiebha taghmel dan.

Ra li fis-seduta tal-lum dehru biss ir-rapprezentanti tas-socjeta` attrici.

Ra n-nota ta' cessjoni fir-rigward tas-sorte prezentata waqt is-seduta tal-lum stess mis-socjeta` attrici u sema' x-xhieda ta' Charmaine Psaila Raji moghtija wkoll fis-seduta tal-lum li permezz taghha ikkonfermat li s-sorte gie mhallas fil-mori tal-kawza u dana permezz ta' pagament ta' mitejn euro (€200) effetwat fil-15 ta' Dicembru, 2017 u l-bilanc li thallas fit-2 ta' Frar, 2018.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi ghalkemm debitament notifikata l-intimata naqset milli tikkontentesta l-kawza odjerna u li inoltre, waqt is-seduta tal-20 t'Ottubru, 2017 talbet zmien sabiex tkun tista' thallas l-ammont mitlub.

Illi fil-mori jirrizulta li l-intimata effettivament hallset is-sorte tant illi s-socjeta` attrici prezentat in-nota ta' cessjoni relattiva filwaqt li zammet ferm il-kap tal-imghaxijiet u tal-ispejjez kif mitlubin.

Illi ghaldaqstant, a bazi tax-xhieda ta' Charmaine Psaila Raji moghtija llum stess, irrizulta li kemm l-imghaxijiet dekorsi fuq is-sorte u l-ispejjez legali ghadhom sal-lum dovuti mill-intimata.

Illi fir-rigward tal-imghaxijiet legali, it-Tribunal jinnota li mill-atti jirrizulta li l-ewwel interpellazzjoni ufficjali saret lill-intimata permezz tal-ittra ufficjali numru 1397/15 u li tali ittra ufficjali giet notifikata lill-istes intimata fis-27 t'Awwissu, 2015.

Illi t-Tribunal jaghmel referenza ghal dak li jinsab deciz mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet '**Fogg Insurance Agencies Limited noe. et. v. Paul Tabone**' fis-17 ta' Frar, 2003 u cioe` li l-imghaxijiet jiddekorru min-notifika tal-att interpellatorju u mhux mid-data tal-introduzzjoni tieghu u jaghmel tieghu il-konkluzjoni hemmhekk raggjunta f'dan ir-rigward. F'dan il-kaz allura l-imghaxijiet huma dovuti fuq is-sorte mis-27 t'Awwissu, 2015 data tan-notifika lill-intimata tal-ittra ufficjali surreferita u jibqghu jiddekorru fir-rigward tas-somma ta' mitejn euro (€200) sal-15 ta' Dicembru, 2017 u fir-rigward tal-bilanc sat-2 ta' Frar, 2018

Illi fir-rigward tal-ispejjez legali huwa car ukoll li l-intimata ghandha tigi kkundannata thallas l-istess u dana kemm fir-rigward tal-ispejjez u drittijiet legali koncernanti l-kawza odjerna u kif ukoll fir-rigward ta' dawk koncernenti l-ittra ufficjali surreferita peress li dawn l-ispejjez gew inkorsi intortament mis-socjeta` attrici tenut kont tal-fatt li l-ammont mitlub irrizulta dovut mill-intimata u llum il-gurnata mhallas minnha.

Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba attrici limitatament fir-rigward tas-sorte stante n-nota ta' cessjoni prezentata waqt is-seduta tal-lum stess, jilqa' ghall-bqija it-talba attrici billi jikkundanna lill-istess konvenuta thallas lis-socjeta` attrici l-ispejjez u drittijiet legali inkluzi dawk tal-kawza odjerna u tal-ittra ufficjali 1397/15 u l-imghaxijiet legali dovuti fuq is-sorte mis-27 t'Awwissu, 2015 data tan-notifika lill-intimata tal-ittra ufficjali surreferita u dekorsi fir-rigward tas-somma ta' mitejn euro (€200) sal-15 ta' Dicembru, 2017 u fir-rigward tal-bilanc sat-2 ta' Frar, 2018.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**